MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 82/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Rose Scicluna (K.I. 238150M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici, li precedentement kient topera taht l-isem ta' Maltacom p.l.c., s-somma ta' elf, mitejn, tlieta u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1293.84) in konnessjoni ma' diversi servizzi (AC40092181 u 40010863).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-24 ta' Jannar, 2012 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri w l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------